# L-Evidenza tar-Reliġjożità Popolari f'Malta

MINN LOUIS CHETCUTI

❑ F'Malta, dan il-fenomenu tar-reliġjożità popolari huwa b'saħħtu ħafna. Hemm rabta qawwija bejn id-dimensjoni traxxendentali u l-mod ta' ħajja ta' kif igħix il-poplu, jew aħjar il-kultura tiegħu. Insibu diversi evidenzi ta' dan. L-ewwel evidenza ewlenija li nara hi dik li l-Maltin jippjanaw iż-żmien tagħhom fuq manifestazzjonijiet u ċelebrazzjonijiet reliġjużi. Fi kliem ieħor, dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jinżlu awtomatikament fl-aġenda tal-maġġoranza tal-poplu Malti. Mhux talli hekk, Tarcisio Zarb juri kif ix-xhur tas-sena għandhom magħhom rabta b'xejra reliġjuża. Ix-xhur huma ddedikati lil xi qaddis jew qaddisa. Jannar huwa meqjus bħala x-xahar ta' l-istrina, Frar hu x-xahar ta' San Pawl, Marzu ta' San Ġużepp, Mejju tal-Madonna, Ġunju hu x-xahar ta' San Ġwann, Lulju tal-Karmnu, Awissu x-xahar ta' Santa Marija, Settembru tal-Vitorja, Ottubru hu x-xahar tar-Rużarju, Novembru tal-Qaddisin u l-mejtin kollha u Diċembru hu x-xahar tal-Milied. Dan juri li l-poplu Malti minn dejjem ried li s-sena tkun taħt il-protezzjoni ta' qawwa sopranaturali.[1]

Il-Malti, bħala individwu, ukoll iqassam il-ħajja tiegħu fuq eventi ewlenin b'konnotazzjonijiet reliġjużi. Nistgħu nsemmu l-Magħmudija, il-Preċett, il-Griżma ta' l-Isqof, iż-żwieġ u fl-aħħar, il-mewt. Saħansitra, il-Malti jqassam wkoll il-ġurnata tiegħu billi joħloq forom ta' riti li permezz tagħhom jorganizza aktar il-ġurnata tiegħu. Fl-antik din il-forma ta' proċedura, kienet aktar b'saħħitha. Hawnhekk ma nistgħux ma nsemmux l-Angelus. F'Malta nsibu numru ta' parroċċi li fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofsinhar u f'inżul ix-xemx jindaqqu tokki bil-qanpiena tal-Knisja. Din id-devozzjoni hija purament Ignazjana, daħlet f'Malta permezz tal-Ġiżwiti fil-bidu tas-seklu sbatax.[2] Fi żmien meta l-bniedem kien jibni l-ġurnata tiegħu mal-"Knisja", jqum fil-għodu ma' l-ewwel daqq tal-qniepen, imur lura d-dar biex jiekol kif jisma' nofsinhar idoqq u jieqaf mix-xogħol mad-daqq ta' l-Ave Marija, il-qanpiena kienet tfakkru biex jieqaf ftit mix-xogħol u jitlob, jingħaqad m'Alla. Diġà sa fis-seklu tlettax, mad-daqq tal-qniepen kienet tingħad is-Sliema. Imma l-Angelus sab il-forma tiegħu fis-seklu sittax.

Il-Papa Pawlu VI f' "Marialis Cultus", jgħidilna li:

"Huwa veru li xi drawwiet li biż-żmien żdiedu mat-talba ta' l-Angelus twarrbu jew diffiċli biex ikomplu fil-ħajja moderna, imma dawn huma affarijiet ta' bla importanza. Ma jistax jinbidel il-valur tal-ħsieb fuq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb, tat-tħabbira lill-Verġni u t-talba għall-għajnuna kollha ħniena tagħha - L-Angelus huwa mezz tajjeb ħafna biex il-bniedem jagħmel lil ħajtu u xogħolu offerta lil Alla."[3]

Irrid ngħid ukoll li huma ħafna l-familji li fl-għaxija jinġabru flimkien biex jgħidu t-talba tar-Rużarju. Rit b'implikazzjonijiet reliġjużi li jidħol ukoll fir-rutina ta' kuljum.

Jekk wieħed iħares ukoll lejn l-arkitettura li nsibu f'pajjiżna, jista' jasal biex jirrealizza l-bżonn ta' referenza reliġjuża tal-poplu Malti fil-ħajja tiegħu. Insibu numru kbir ta' knejjes u kappelli, barra minhekk insibu numru sabiħ ta' niċeċ fit-toroq tagħna li fihom hemm xi qaddis jew qaddisa partikolari. Dawn kollha għandhom iservu ta' xhieda tar-rabta kbira li teżisti bejn il-kultura Maltija u l-mod ta' kif il-komunità taffronta u tesprimi d-domandi u r-risposti fuq is-sens aħħari tal-ħajja. Mela hawnhekk qed naraw kif il-poplu Malti qed juża l-ispazji ta' madwaru biex jidentifika ruħu ma' l-assolut.

Jeremy Boissevain innota karatteristika importanti li tkompli tivverifika dak li għadni kemm għedt. Huwa nnota li l-knisja hija ċ-ċentru tar-raħal u l-bini hu mdawwar madwarha. Dan juri li l-ewwel prijorità tar-raħal hija l-Knisja - is-sors ewlieni u l-aġent ta' forom varji ta' devozzjonijiet reliġjużi li wasslu biex integraw ruħhom sewwa fil-ħajja Maltija.[4]

Jekk inħarsu wkoll lejn l-ismijiet tat-toroq u tad-djar, naraw li numru konsiderevoli minnhom huma msemmija għal xi qaddis jew qaddisa. Bdew jinbtu wkoll komunitajiet varji li kellhom xejra reliġjuża. Hawnhekk nistgħu nsemmu l-fratellanzi. Mela, fi kliem ieħor, il-fratellanzi huma eżempju ieħor li juri l-influwenza reliġjuża fil-ħajja tagħna l-Maltin. Irridu ngħidu li llum il-ġurnata, il-fratellanzi tilfu ħafna mis-saħħa tagħhom. Il-fratellanzi kienu l-ewwel forma ta' parteċipazzjoni għal-lajċi. Il-konfraternitajiet, fis-seklu sbatax bdew bħal speċi ta' "unions". Barra milli kienu jorganizzaw il-festa tal-qaddis patrun tagħhom, kellhom id-dritt approvat mill-Gran Mastru biex iressqu t-talbiet tagħhom. L-ewwel konfraternità li niltaqgħu magħha hija dik tas-Sagrament li waqqafha l-Papa Pawlu III fl-1539.[5] Jeremy Boissevain jara li waħda mir-raġunijiet għaliex il-fratellanzi tilfu s-saħħa tagħhom kienet dik li huma xi ftit antikwati, ma

Għal paġna 111

Minn paġna 110

jikkorrispondux mal-mentalità tal-kultura ta' dawn iż-żminijiet.[6]

Meta kont qed nitkellem ma' l-Arċipriet tal-parroċċa tal-Mosta dwar dan it-tnaqqis ta' forom varji ta' devozzjonijiet, huwa wrieni li l-poplu sar juża aktar l-intellet tiegħu fuq it-twemmin li hu jħaddan, b'hekk mhux qed iħoss in-neċessità ta' referenza spissa b'dawn il-forom varji biex jimmedita fuq it-twemmin tiegħu.

Insibu wkoll ħafna Maltin li joħolqu forom oħra varji ta' reliġjożità popolari. L-ilbies tal-labtu huwa eżempju ieħor, però rridu ngħidu li din il-forma ta' devozzjoni naqset f'dawn iż-żminijiet. M'għandniex xi ngħidu, il-labtu daħal Malta mal-Karmelitani, l-iżjed bit-twaqqif tat-Terz Ordni fil-bidu tas-seklu sittax.

Il-labtu huwa sinjal ta' l-imħabba ta' l-iben lejn l-omm, ta' dedikazzjoni, kelma li tkun ta' servizz bħal Marija, missjoni li tgħix il-fidi sa l-aħħar, u talb ta' protezzjoni u interċessjoni lill-Madonna. Huwa veru li ma' din id-devozzjoni hemm ħafna wegħdi marbutin, skond il-viżjoni ta' San Xmun Stock, speċjalment fis-siegħa tal-mewt. Imma wieħed ma jistax jilbes il-labtu jew id-domna minħabba l-wegħda li hemm marbuta miegħu. Il-labtu jew domna mhix xi *lucky charm* imma sinjal ta' mod ta' ħajja.

La qed nirreferu għal riti fuq bażi personali, ma nistgħax neskludi l-wegħdi. Naħseb li l-wegħdi huma waħda mill-akbar manifestazzjonijiet ta' reliġjożità popolari. Anke min ma jipprattikax ir-reliġjon, u jiġi bżonn kbir, araħ jgħammillek wegħda mar-Redentur, mad-Duluri jew ma' Santa Rita ta' l-impossibli. Is-sens teoloġiku huwa l-fatt li inti f'dik il-ħaġa li qiegħed twiegħed, qiegħed toffri lilek innifsek. Il-wegħda forsi fiha l-periklu li għax għamilt wegħda se naqla' żgur - xi ħaġa maġika.

Drawwa sabiħa ħafna li għandna hawn Malta, hija dik tat-tberik tad-djar, tal-postijiet tax-xogħol u tal-postijiet tar-rikrejazzjoni li jikkaratterizza ż-żmien ta' l-Għid. F'dan it-tberik inwasslu lil Kristu Rxoxt fl-ambjenti kollha fejn jgħix il-bniedem. It-tindif u t-tiżjin tad-djar qisu jrid ifisser li rridu li nilqgħu lil Kristu Rxoxt mill-aħjar li nistgħu u juri wkoll it-tindif minn ġewwa biex ngħix ħajja aħjar.

Jidher li f'Malta d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija ħadet spinta 'l quddiem fl-aħħar tas-seklu sittax meta daħlet id-drawwa ta' l-espożizzjoni għall-erbgħin siegħa. Fl-1620 l-Isqof Cagliares, f'sinodu djoċesan, iddikjara li din id-devozzjoni għandha tiġi ipprattikata bil-permess ta' l-Ordinarju u bil-kundizzjoni li fil-ħin ta' l-espożizzjoni jkun hemm żewġ kjeriċi jagħmlu l-adorazzjoni u Mgr. Dusina impona l-obligu li jkun hemm xemgħa tixgħel quddiem it-tabernaklu u waqqaf il-konfraterinità tas-Sagrament jew ta' Corpus Christi li tista' tgħid qabdet mill-ewwel f'kull parroċċa ta' dak iż-żmien. Kienet popolari ħafna wkoll, il-viżta lil Ġesù Sagramentat [7].

Nistgħu ngħidu li d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija kompliet tiżviluppa matul iż-żmien, u f'Malta mhux eċċezzjoni. L-antropolgu Olandiż Jeremy Boissevain, innota li l-manifestazzjonijiet reliġjużi li huma relatati mal-festa ta' Corpus naqsu minħabba l-fatt li kien hemm żmien meta l-Gvern Laburista naqqas ħafna mill-ġranet tal-festi u wkoll għaliex il-festi bdew jiġu ċċelebrati fil-Ħdud ta' l-istaġun tas-Sajf. Dan ħoloq distrazzjoni fuq il-festa ta' Corpus.[8]

Ma naqbilx kompletament ma' Boissevain dwar dan. Inħoss li d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija għadha b'saħħitha ħafna f'Malta. Jekk nieħdu ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Corpus fil-Mosta għadhom b'saħħithom u l-komunità Mostija tipparteċipa bis-sħiħ għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Dan is-sentiment tiegħi kkonfermah ukoll l-Arċipriet tal-Mosta f'intervista li kont għamiltlu. Irrid ngħid li fil-Mosta, il-festa ta' Corpus hi marbuta mal-festa ta' l-ewwel tqarbina. Dan ifisser li fil-festa ta' Corpus, numru ta' tfal se jirċievu l-ewwel tqarbina. Dan ikompli jgħin biex iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Corpus isiru b'mod aktar solenni.

Irrid insemmi wkoll forom varji oħra ta' devozzjonijiet lejn l-Ewkaristija u li għadhom pjuttost qawwija. Fosthom hemm - il-viżta lil Ġesù Sagramentat, il-Benedizzjoni, il-Kwaranturi, l-adorazzjoni ta' bil-lejl, il-viżti lis-seba' knejjes u l-kungressi Ewkaristiċi.

Mela, kif wieħed jista' jara, f'Malta il-kult reliġjuż huwa riżors ewlieni għall-Maltin biex jistituzzjonalizzaw l-użu ta' l-ispazji u t-tqassim tal-ħin tagħhom. Din ir-realtà tkompli tikkonferma n-nisġa li teżisti bejn ir-reliġjon u l-mod ta' ħajja tal-Maltin.

---

*1 Cf. T. Zarb, Folklore of an Island: Taboo and Social times, Enterprise Group, 1998.*
*2 Cf. C. Collins, "Revive the old devotions", Sign, n.60, Nov. 1980.*
*3 D. Colombo, "Religiosità popolare ed evangelizzazione", Mondo e Missione, 1978.*
*4 Cf. J. Boissevain, Ritual Play and Identity: Changing patterns of celebration in Maltese villages, University of Amsterdam, 1991.*
*5 Cf. L. Della Torre, "Liturgia e pietà popolare nella verifica dell'esistenza Cristiana", Studi Cattolici, n.89/90, 1968.*
*6 Ibid., p. 4.*
*7 Ibid., p. 1.*
*8 Ibid., p. 4.*